MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 773/2004

**Francis u Giovanna sive Joanne konjugi Mercieca (ID 8068M u 106967M rispettivament)**

**vs**

**U.C.I.M. Holding Co. Limited (C507)**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-atturi fit-12 ta’ Ottubru, 2004, li in forza taghha, wara li ppremettew :

Illi fl-erbatax (14) ta' April elfejn u erbgha (2004) l-atturi xtraw minghand is-socjeta’ konvenuta vettura gdida tal-marka Fiat Punto bin-numru tax-chassis 'ZFA18800004777700' u numru tal-magna '2144823', inkluz l-accessorji, ghall-prezz komplessiv ta' hamest elef

erba' mija u erbgha u disghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm 5,494.52);

Illi ftit wara Ii l-atturi hadu l-kunsinna tal-vettura de quo, is-sistema elettronika ta' din il-vettura bdiet tirraporta li hemm hsara ('failure) fil-magna u fil-power steering;

Illi l-attur informa b'dan lis-socjeta konvenuta Ii ipprovat tirrimedja ghal dan id-difett fil-vettura mibjugha minnha;

Illi minkejja l-ahjar sforzi tas-socjeta konvenuta sabiex issewwi dan id-difett, f’xejn anqas minn seba' (7) appuntamenti ghal riparazzjonijiet fuq perjodu ta' sitt (6) xhur, il-vettura de quo baqghet tirraporta b'mod intermittenti Ii hemm hsara fil-magna u fil-power steering;

Illi l-atturi huma ferm inkwetati dwar is-sigurezza tal-vettura u ghalhekk talbu lis-socjeta konvenuta sabiex tirrimpjazza l-vettura jew tghaddi ghar-rexxisjoni tal-kuntratt ta' bejgh tal-vettura u tirrifondi l-prezz imhallas, izda din baqghet inadempjenti;

Illi l-atturi qeghdin, kontestwalment ma' din il-kawza, jiddepozitaw taht
l-awtorita ta' din l-Onorabbli Qorti l-vettura de quo sabiex jezimu ruhhom minn kull responsabbilta ghall-istess;

Talbu ghalhekk li s-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja :

1. Tiddikjara li l-vettura tal-marka Fiat Punto bin-numru tax-chassis 'ZFA18800004777700' hija difettuza u ghalhekk tirrexxindi l-bejgh ta' l-istess vettura mis-socjeta konvenuta lill-atturi;
2. Tillikwida l-prezz imhallas mill-atturi lis-socjeta attrici ghall-istess vettura fis-somma ta' hamest elef erba' mija u erbgha u disghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (LM5,494.52), jew somma verjuri;
3. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-atturi is-somma hekk likwidata,

Bir-riserva ghal kull azzjoni fil-ligi, inkluza dik ghal danni, u bl-ispejjez tal-prezenti, tac-cedola ta' depozitu prezentata kontestwalment u tad-drittijiet tal-kunsinnatarju, u bl-imghaxijiet, kontra s-socjeta konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta. li in forza taghha hija eccepiet :

1. Illi, fil-mertu mhux minnu illi l-karrozza in kwistjoni hija difettuza kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghhom;
2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta’ konvenuta;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta’ April 2005 li permezz tieghu hatret lil Dr Charmaine Zammit bhala perit legali u lil Philip Zammit bhala perit tekniku, bis-soliti fakoltajiet inkluz li jisimghu xhieda bil-gurament;

Rat ir-rapportipprezentat mill-periti gudizzjarji, minnhom ikkonfermat bil-gurament waqt is-seduta tas-17 ta’ Jannar 2007;

Rat l-affidavit ta’ l-attur;

Rat in-nota ta’ kritika tas-socjeta’ konvenuta ghar-relazzjoni tal-periti gudizzjarji;

Rat in-nota responsiva ta’ l-atturi ghan-nota ta’ kritika tas-socjeta’ konvenuta;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet finali tas-socjeta konvenuta tat-30 ta’ Novembru 2007;

Rat illi l-atturi ma pprezentawx nota ta’ sottomissjonijiet;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi l-esperti gudizzjarji mahtura mill-Qorti waslu ghas-segwenti konsiderazzjonijiet :

Illi min-naha taghhom l-atturi qeghdin jitolbu r-rexxissjoni tal-kuntratt tal-bejgh tal-karozza de quo stante difett fis-sistema elettronika tal-istess vettura, u kwindi li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallashom lura s-somma ta' Lm5,494.52 jew somma verjuri.

Illi min-naha taghha is-socjeta` konvenuta ikkontestat it-talbiet attrici u eccepiet illi mhux minnu li l-vettura in kwistjoni hija difettuza u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Illi fil-kors tas-seduti mizmuma mill-Perit Gudizzjarji xehdu l-attur Francis Mercieca, Vincent Sladden, General Manager mas-socjeta` konvenuta, Emanuel Micallef, Service Manager mas-socjeta` konvenuta, u Steve Curmi, technician mas-socjeta` konvenuta.

Illi l-attur xehed permezz ta' affidivat fejn qal illi huwa kien xtara l-vettura in kwistjoni versu l-prezz ta' Lm5494.52 u ta' dan huwa pproduca fattura ta' bejgh esebita bhala Dok FM1. Illi l-istess attur stqarr illi huwa kien ghazel din il-karozza ghall-familja tieghu peress li fil-fehma tieghu, wara ricerka li ghamel ta' x'karozzi kien hawn fis-suq dak iz-zmien, il-vettura in kwistjoni kienet wahda mill-karozzi *safe* li kien hawn. Illi dakinhar stess li hareg il-vettura fit-triq minghand l-agent u sakemm wasal id-dar kienu diga xeghlulu zewg bozoz li jindikaw *engine failure* u *steering failure*. Dak il-hin stess rega' dahhal il-karozza ghand l-agent fejn giet irrisettjata. Illi pero dan ir-resetting ma solviex il-problema peress li wara din l-okkazzjoni il-vettura in kwistjoni baqghat timmanifesta b'mod intermittenti li kien hemm *engine failure* u *steering failure*.

Illi l-attur stqarr illi dahhal il-karozza ghand is-socjeta` konvenuta ghal seba’ darbiet b’kollox u b’danakollu qatt ma ssolviet il-problema li mmanifestat ruhha sa mill-ewwel gurnata li l-karozza kienet fil-pussess tieghu.

Illi l-impjegati u d-dirigent tas-socjeta` konvenuta xehdu kif kienu saru diversi tentattivi biex tigi eliminata l-problema fuq imsemmija pero dan kellu ezitu negattiv, jew ahjar kienet tissolva ghal ftit zmien u wara terga’ timmanifesta ruhha. Illi l-istess impjegati spjegaw kif anke kienu talbu l-assistenza tal-*mother company* li din min-naha taghhom ipprovditilhom soluzzjoni, u cioe kit appozitu, li kienet intuzat fuq vetturi tal-istess ghamla u li kellhom l-istess problema, liema soluzzjoni pero fuq il-vettura in kwistjoni ma hadmitx peress li l-bozoz baqghu jixghelu b’mod intermittenti. Illi x-xhieda prodotti mis-socjeta` konvenuta qalu wkoll illi kien hemm problemi simili f’vetturi tal-istess marka kemm f’Malta u kif ukoll barra minn Malta.

Ikkunsidrat :

Illi biex ikun hemm lok ghal azzjoni tax-xorta li qeghdin jezercitaw l-atturi jrid ikun hemm vizzju ta’ certa gravita. “B’vizzju jew difett ghandu wiehed jifhem kull anormalita` jew imperfezzjoni, u kull gwast jew avarija, li tigi riskontrata fil-haga, u li, aktar jew anqas, tnehhilha l-attitudini ghall-uzu jew il-bonta` u l-integrita` taghha”. (Vide Borg vs Petroni Vol XXXV111 p.1 p.279).

Illi ghalkemm hemm qbil bejn il-partijiet dwar id-difetti li mmanifestat l-istess vettura, pero ma hemmx qbil dwar is-serjeta` o meno tal-istess difetti.

Illi principalment id-difett lamentat huwa fis-sistema elettronika tal-istess vettura u cioe illi kien hemm zewg bozoz homor fid-dashboard li daqqa kienu jixghelu t-tnejn u daqqa jixghelu separatament liema bozoz kienu tal-*power steering warning light* u l-*engine warning light.* Illi meta tali bozoz jibqghu mixghula wara li tistartja l-vettura ikun ifisser li hemm xi problemi fil-mekkanizmu tal-istess vettura, liema problemi pero qatt ma gew fattwalment

riskontrati mill-atturi. Illi ghalhekk jirrizulta li l-istess bozoz kienu qed jaghtu false alarm.

Illi ghalhekk l-atturi, in vista tad-difett lamentat, qeghdin jipprocedu a bazi tal-artikolu 1427 tal-Kodici Civili u cioe qeghdin jezercitaw l-*actio redhibitoria* sabiex jigi rexxiss il-kuntratt ta' bejgh u jigu rifuzi l-prezz tal-istess vettura. Illi tajjeb li jinghad ukoll illi l-istess atturi ghaddew ghad-depozitu tal-istess vettura kontestwalment mal-prezentata tac-citazzjoni odjerna.

Illi f'dan il-kaz jidher li kien hemm *intermittent fault*, haga li hemm qbil fuqha miz-zewg nahat. Illi dak li jrid jigi ndagat hawn huwa jekk dan l-*intermittent fault* huwiex difett serju jew le. Vincent Sladden, General Manager mas-socjeta`` konvenuta, ipproduca manual anness mal-affidavit tieghu fejn hemm indikat li meta l-bozza li tindika *Injection System Failure* tixghel okkazzjonalment din hija *meaningless*. Madankollu l-istess manual prodott minnu ma jindikax l-istess haga fir-rigward tal-*Electrical Power Steering Failure* fejn jghid meta tixghel il-bozza in kwistjoni "*Contact Fiat Dealership"*. Illi tajjeb li jigi rilevat illi l-istess xhud stqarr illi jista' jkun illi l-manual esebit minnu huwa wiehed ta' vettura tal-ghamla Punto imma mhux necessarjament l-istess manual li nghata lill-attur mal-vettura in kwistjoni. U dana in vista tal-fatt illi l-attur esebixxa estratt mill-manual li gie pprovdut lilu mal-vettura in kwistjoni li jindika illi meta tixghel il-bozza tal-*Engine Control System Failure* wiehed ghandu jikkuntattja lill-Fiat Dealership *"as soon as possible"*.

Illi fl-opinjoni tal-esponenti, minn aspett tekniku, dan id-difett huwa wiehed serju u dana stante li meta jixghelu iz-zewg bozoz in kwistjoni huwa ndikazzjoni li hemm problemi li ghandhom x'jaqsmu mal-magna jew mal-isteering. Illi ghalkemm huwa veru li l-atturi qatt ma rriskontraw xi tip ta' breakdown waqt li xeghlu l-istess bozoz huma ma jistghu qatt igawdu l-akkwist taghhom b'serhan tal-mohh u trankwillita stante li qatt ma jistghu ikunu certi li verament m'hemm l-ebda problemi fil-vettura taghhom. Illi dan jista' jinghad aktar u aktar peress li l-

atturi u l-familja taghhom qatt ma jistghu ikunu zguri jekk humiex f'periklu jew le.

Illi skond interpretazzjoni li tidher pjuttost pacifika l-mizura tal-gravita ta' difett hi determinata minn zewg kriterji: dak obbjettiv konsistenti fl-assoluta inettitudini tal-haga li sservi ghall-uzu li ghalih hi destinata jew fis-semplici diminuzzjoni ta' dak l-uzu; l-iehor subbjettiv konsistenti mill-intenzjoni personali tax-xerrej li, kieku kien jaf bil-vizzju, jew ma kienx ikun dispost li jixtri l-oggett jew, jekk dispost, ma kienx izda joffri l-prezz pattwit. Huwa ritenut illi f' kaz bhal dan *"xejn ma jimporta li l-vizzju jista' jigi riparat; dak li jimporta huwa eskluzivament l-istat u l-kondizzjoni tal-haga fil-mument meta din tghaddi ghar-riskju u perikolu tal-kompratur; u min ihallas il-prezz gust ta' haga gdida ma ghandux jigi kostrett jikkuntenta ruhu b' haga msewwija, kbira jew zghira kemm tkun dik it-tiswija."* (Vide Borg vs Petroni Vol. XXXV111 P.1 p.279)

Illi fl-affidavit tieghu l-attur stqarr illi huwa wasal biex xtara l-istess vettura principalment fuq kunsiderazzjonijiet ta' sigurta`. Illi li kieku l-attur kien jaf bid-difetti in kwistjoni, anke tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet li huwa ghamel dwar sigurta`, zgur li ma kienx jakkwista l-istess vettura.

Illi ghalhekk l-esperti gudizzjarji waslu ghal din il-konkluzzjoni :

"Illi ghalhekk l-opinjoni tal-esponenti jirrizulta li l-vettura in kwistjoni kienet affetta minn difett mohbi certament mhux insinjifikanti u li kieku l-atturi kienu jafu bih ma kinux jixtruha. Kwindi fl-umli opinjoni tal-esponenti din il-Qorti ghandha tilqa' t-talbiet attrici fl-intier taghhom filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta."

Ikkunsidrat :

Illi s-socjeta konvenutaipprezentat Nota ta' Kritika kif diga imsemmi aktar 'il fuq f'dan il-gudikat.

Illi f'din in-Nota s-socjeta' konvenuta issottomettiet illi l-unika kwistjoni illi din il-Qorti trid tiddetermina hija wahda

purament teknika ossia jekk il-vettura kienitx afflitta jew le minn diffett mohbi li fuqhom kien jinkombi l-oneru tal-prova cioe' fuq l-atturi u a bazi tal-konsiderazzjonijiet li ghamlu l-periti gudizzjarji il-kwistjoni mertu tal-kawza hija wahda prettament teknika.

Illi skond is-socjeta' konvenuta il-fatt illi principalment id-difett lamentat huwa fis-sistema elettronika ta' l-istess vettura; liema problemi pero qatt ma gew fattwalment riskontrati mill-atturi u ghalhekk irrizulta li l-istess bozoz kienu qed jaghtu 'false alarm' u in vista tal-fatt illi l-periti gudizzjarji ikkunsidraw li dan id-difett kien hekk imsejjah 'intermittent fault'. Din hija konkluzjoni oggettiva ibbazata fuq il-fatti u una volta kienet biss 'false alarm' dan id-difett ma jistax jinghad illi kien difett mohbi u ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex takkolji ir-rizultanzi tal-periti gudizzjarji u lanqas ma ghandha tilqa t-talbiet attrici.

Ikkunsidrat :

Illi l-Artikolu 1424 tal-Kap. 16 jghid hekk :

"Il-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf bihom".

Illi hija gurisprudenza kostanti illi sabiex ikun hemm lok ghall-azzjoni ibbazata fuq din il-garanzija jehtieg li d-difett ikun ta' certa gravita relattivament ghall-haga mibjugha u ghall-prezz imhallas ghaliha.

Illi hareg car hafna mill-provi u senjatament mill-affidavit ta' l-attur illi huwa xtara l-vettura in kwistjoni wara li ghamel ir-ricerka bazata l-aktar fuq konsiderazzjonijiet ta' sigurta u dana peress illi ried il-vettura sabiex martu tkun tista tuzaha biex twassal liz-zewg uliedhom minuri.

Illi kif diga intqal l-periti gudizzjarji waslu ghall-konkluzzjoni illi d-difett in kwisjtoni ma kienx wiehed insinfikanti u li

kieku l-atturi kienu jafu bih ma kinux jixtru l-vettura in kwistjoni.

Illi intqal ukoll minn l-imsemmija periti gudizzjarji u f'dan il-kaz huma ikkwotaw ukoll gurisprudenza "xerrej ma ghandux jigi kostrett jikkuntenta b'haga imsewwija kbira jew zghira kemm tkun dik it-tiswija."

Illi gie ippruvat illi minkejja l-fatt illi l-attur dahhal il-vettura diversi drabi ghand tal-Fiat id-difett baqa ma ittrangax.

Illi fil-fehma tal-Qorti il-fatt illi qeghdin jinghataw 'false alarms' ma jista joffru l-ebda serhan tal-mohh lis-sewwieq tal-vettura in kwistjoni u dan ghar-ragunijiet ovvji. Jekk wiehed iffettillu jinjora dik l-'alarm' ghaliex jahseb li hija 'false alarm' jista ukoll jigri li ma tkun 'false alarm' xejn, is-sewwieq jibqa isuq il-vettura u dan jista iwassal ghall-konsegwenzi drastici jew mhux mixtieqa.

Illi l-istess socjeta' konvenuta iddikjarat illi ma irnexxilhiex issolvi il-problema u lanqas ma tat xi hjiel jew tama li tista isolvi dan id-difett fil-vettura in kwistjoni.

Illi fil-fehma tal-Qorti huwa car daqs il-kristal illi d-difett kien wiehed mohbi, kif ukoll illi d-difett in kwistjoni huwa tant gravi illi l-atturi certament ma kienux jixtru l-vettura li kieku kienu jafu b'dan id-difett; liema difett kif diga intqal ma jistax jissewwa.

Illi irrizulta wkoll illi d-diffetti immanifestaw ruhhom wara li l-vettura inbieghet u mal-ewwel darba illi instaqet fit-triq tant illi l-attur mal-ewwel ha l-vettura ghand tal-Fiat.

Illi kif diga intqal minkejja l-fatt illi l-attur ha l-vettura diversi drabi ghand tal-Fiat addirittura seba' darbiet u minkejja l-fatt illi l-'mother company' tal-Fiat forniet lil Fiat f'Malta cable part sabiex jippruvaw jiggustaw id-difett dan kien kollu ghalxejn u l-karozza baqghet timmanisfesta l-istess 'fault'.

Illi l-Qorti, peress illi taqbel mal-konkluzzjonijiet illi waslu ghalihom il-periti gudizzjarji minnha mahtura, qeghda

tadotta ir-relazzjoni minnhom ipprezentata u taghmilha bhala taghha.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta tilqa t-talbiet ta' l-atturi u tiddikjara li l-vettura tal-marka Fiat Punto bin-numru tax-chassis 'ZFA18800004777700' hija difettuza u ghalhekk tirrexxindi l-bejgh ta' l-istess vettura mis-socjeta konvenuta lill-atturi u tillikwida l-prezz imhallas mill-atturi lis-socjeta konvenuta ghall-istess vettura fis-somma ta' hamest elef erba' mija u erbgha u disghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (LM5,494.52), ekwivalenti ghal tnax il-elf seba mija u tmienja u disghin euro u disa u sebghin euro centezmi (€12,798.79) jew somma verjuri u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-atturi is-somma ta' hamest elef erba' mija u erbgha u disghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (LM5,494.52), ekwivalenti ghal tnax il-elf seba mija u tmienja u disghin euro u disa u sebghin euro centezmi (€12,798.79);

Bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------